XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.13 (Tlettax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2014 fis-6.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 Minuta 3.6 Mobile toilet fil-Bandli – Is-Sindku qal li hu tkellem mad-Disma u dan offra li jagħtu toilet b'xejn u li jnaddfu mingħajr l-ebda ħlas. Is-Sindku qal li issa jrid jerġa' jfakkru sabiex ma jibqax għaddej iż-żmien.

3.2 Minuta 3.7 – Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk għal-laqgħa mal-Ministru Mizzi kienx mistieden kulħadd, u s-Sindku qalilha li kien mistieden huwa biss però hu talab lis-Sur Azzopardi jmur miegħu biex ikollu 'l-xi ħadd bħala xhud. Is-Sur Valvo qal li l-Perita ta' Trasport Malta, Charlene Bonniċi bagħtet lura u qaltilna li x-xogħol ta' patching ta' toroq u bankini ser ikompli f'qasir żmien.

3.3 Minuta 3.8 – Is-Sindku qal li x-xogħol tal-madum tal-Knisja tax-Xgħajra issa beda u maħsub li jkun lest sa qabel l-Għid il-Kbir.

3.4 Minuta 6 Newsletter – Ġie miftiehem li kulħadd jipprepara artiklu li jammonta għal nofs paġna A4 sabiex jiġi inkluż fin-newsletter li ser toħroġ sa nhar it-30 ta' Mejju.

3.5 Is-Sindku qal li s-Surmast għadu ma kellimniex fuq meta ser niltaqgħu flimkien mal-Kunsill Skolastiku biex nitkellmu fuq lezzjonijiet tal-privat wara l-ħin tal-iskola. Is-Sur Neil Attard qal li lis-Surmast ser ikellmu hu.

. .

3.6 *Telephone box* – Wara li irċevejna mingħand il-pulizija li t-*telephone box* ma tistax teħel mal-ħajt tal-għassa, il-kunsill qabel li din tista'issir maġenb iz-zuntier tal-knisja. Is-Sindku qal li ser ikellem lill-Kappillan fuq din il-possibilita' u naraw kif nibqgħu.

3.7 Triq iċ-Ċern – Il-problema minkejja li naqset wara li saret il-camera xorta għada hemm. Il-Kunsill jixtieq li jkollu number plates ta' dawk it-trakkijiet li qiegħdin jitilgħu sabiex jiġu mħarrka direttament.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Il-pagamenti ġew approvati.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Is-Sur Neil Attard qal li l-bankijiet li hemm fejn El Catalan Restaurant jinsabu msaddin u aħjar jinqalgħu qabel iweġġa xi ħadd magħhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika għal fondi sabiex dan il-ġnien jiġi rehabilitat imma l-applikazzjoni tagħna ma' ġietx milqugħha. Il-Kunsill qabel li jsiru bankijiet ġodda u għalihom nallokaw €2,000.

Is-Sindku qal li l-parkeġġ li ser isir fejn id-dressing rooms tal-klabb tal-futbol ser ikun pubbliku u ħadd ma jista jikkapparrah. Is-Sur Valvo qal li jekk il-Gvern qal li ser jagħmel dan il-parkeġġ huwa, aħna ma stajniex noġġezzjonaw pero' aħjar li kieku flok parkeġġ isir 5-a-

side ground. Is-Sindku qal li kellu jigi l-perit tal-gvern ħalli jagħmel pjanta. Is-Sindku qal li jista' jkun hemm xi problemi minħabba li l-permess ma jgħidx li ħa jsir parkeġġ.

5.2 Is-Sur Nicolae Demajo staqsa jekk huwiex possibbli li quddiem il-*hall* li inbena ġdid taħt il-bandli jistax isir BMX *track*. Is-Sindku qal li hemm hu maħsub li jsir *basketball court* u li ix-xogħol wasal biex ikompli wara li ssir ir-rampa.

Antonia Buttigieg issuġġeriet u sar qbil unanimu li fejn il-bandli nagħmlu *drop curb* sabiex il-bandli ikun aktar aċċessibbli għal-nies bil-*pushchairs* u persuni bi bżonnijiet speċjali.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Korrispondenza

6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill tagħna qiegħed isofri nuqqas ta' €41,000 kull sena minn l-allokazzjoni. Is-Sur Valvo kompla u qal li hu bagħat id-dettalji ta' din il-figura lid-Dipartiment u lill-Ministru sabiex ikunu jafu li ma nistgħux nibqgħu mixjin hekk. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jibgħat kopja ta' din l-email lill-Kunsilliera kollha.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Ħarġa Soċjali/Kulturali

7.1 Is-Sur Neil Attard ippropona li tittella' attività bit-tema ta' talent show. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attività u għalhekk ser jalloka is-somma ta' €500. Is-Sur Attard qal li hu kellu f'moħħu bejn it-2 u t-3 ta' Mejju. Kulħadd qabel ma' dan.

Is-Sur Valvo qal li il-Kunsill beħsiebu jibda jorganiżża attività kulturali fix-xahar. Dawn l-attivitajiet ikunu ta' interess kbir għar-residenti sabiex isiru jafu aktar fuq postijiet oħra f'Malta u Għawdex. Kulħadd qabel ma' dawn l-attivitajiet. Is-Sindku kompla u qal li għalhekk iħeġġeġ lill-Kunsilliera biex joħorġu b'ideat u suġġerimenti ta' fejn nistgħu nieħdu lir-residenti tagħna. Għalhekk fuq l-istess suġġett is-Sindku qal li għal dan ix-xahar għandna f'moħħna li mmorru l-kappella tal-Mensija f' San Gwann.

Intqal ukoll li issa li gej l-Għid u bħal kull sena it-tfal ta' bejn 4 snin u 10 snin jingħataw figolla imma din is-sena ser inħeġġu lill-dawk it-tfal minn 6 snin sa 10 snin sabiex jibgħatu tpinġijja b'tema tal-Għid u jingħataw premjijiet għall l-aħjar tlieta.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Affarijiet oħra

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

8.1 Is-Sinjura Doris Borg talbet ċavetta tal-Librerija sabiex tkun tista tlaqqa klassijiet tat-tfal fuq sessjonijiet tal-qari u attivitajiet oħra relatati mal-ktieb. Is-Sindku qal li din il-ħaġa nistgħu nagħmluha fis-Sajf flimkien ma' lezzjonijiet ta' craft eċċ. Is-Sinjura Borg kompliet u qalet li l-qari ma jsirx fis-Sajf biss imma hija esiġenza importanti s-sena kollha.

8.2 Il-Kunsill qabel li il-laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena ssir nhar it-30 ta' Mejju fis-6pm ġewwa l-librerija fi Triq San Ġakbu.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Aġġornament għat-Tlieta, 15 t'April, 2014 fid-9.30am

________________________ ________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt